**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 364 /2016**

**JL u HL**

**(l-Ilmentaturi)**

**vs**

**Crystal Finance Investments Ltd.**

**(C 26761) (il-Provditur tas-Servizz)**

**Seduta tas-7 ta' Novembru 2017**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentaturi jghidu li tilfu s-somma ta' €3,811 minn investiment li sar fil-*bond 7.5% RENA GmbH 2015*, li kien wiehed mill-*bonds* li kien jifforma parti minn *Bond Portfolio ('BP191'),* offrut lill-Ilmentaturi mill-Provditur tas-Servizz fuq bazi ta' parir ta' investiment.

L-Ilmentaturi indikaw fil-formola ta' l-Ilment li inghataw il-parir jew servizz hazin f'April 2014, indunaw li hemm xi problema f'Novembru 2014, fejn minnufih ghamlu l-ilment mal-Provditur tas-Servizz.

L-ilment qieghed dwar investiment fil-*bond RENA* li kien jikkostitwixxi wiehed mill-*bonds fil-Bond Portfolio BP191.*

Qed jitolbu li jinghataw lura l-ammont ta' telf fuq il-kapital fl-investiment *RENA* ghal ammont ta' €3,811.

**Ra r-Risposta tal-Provditur tas-Servizz:**

1. Illi preliminarjament, l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji (l-“**Arbitru**”) m’ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma’ u jiddeciedi l-vertenza odjerna billi l-partijiet issottomettew ghal gurisdizzjoni tal-Qrati ta’ Malta u dan ai termini tal-Artikolu 17 tat-*Terms of Business Agreement* (anness u mmarkat bhala ‘***Dok CFI1’***) liema artikolu jispecifika bl-aktar mod car illi, ‘*This Agreement is subject to the Laws of Malta and any dispute, which may arise therefrom, shall be subject to the jurisdiction of the Maltese Courts,’* u ghalhekk l-Arbitru ghandu jiddeciedi li jieqaf f’dan l-istadju milli jipprocedi bis-smigh u decizjoni dwar il-mertu ta’ dan l-Ilment;

2. Illi wkoll preliminarjament, fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, l-azzjoni kontra s-Socjetà Esponenti waqghet bil-preskrizzjoni ai termini tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta billi kwalsiasi forma ta’ interazzjoni extra-kuntrattwali jew kuntrattwali li setghet sehhet bejn il-partijiet, u r-relazzjonijiet bejn il-partijiet jekk qatt kienu jezistu tali relazzjonijiet diretti, sehhew sew qabel id-dekadenza tal-perjodi ta’ preskrizzjoni applikabbli;

3. Illi preliminarjament ukoll u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccipit u ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, is-Socjetà Esponenti teccepixxi in-nullità tal-Ilment ai termini tal-Artikolu 789(1)(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta in kwantu iffaccjata bl-Ilment kif gie redatt, is-Socjetà Esponenti ma tistax tressaq difiza adegwata billi mill-istess Ilment ma jirri-zultax/jirrizultawx in-nuqqas/ijiet tas-Socjetà Esponenti li jaghtu lok ghall-Ilment u kwalunkwe dritt pretiz minnu. Fic-cirkostanzi ma huwiex possibbli li s-Socjetà Esponenti taghraf il-bazi tal-istess Ilment (u allura l-eccezzjoni u sussegwentement il-prova li trid tressaq) biex tiddefendi lilha nfisha adegwatament kif hu dritt indisputat taghha u xi provi tressaq biex ixxejjen il-pretensjoni ghad-danni allegati li fi kwalunkwe kaz huma r-rizultat ta’ fatturi totalment estranei ghas-Socjetà Esponenti. Sempliciment, mhuwiex car x’ezattament suppost li ghamlet hazin Crystal Finance Investments Limited;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, subordinatament u fil-mertu, l-Ilment u l-allegazzjonijiet tal-atturi huma ghal kollox fiergha u infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghaliex f'kull waqt is-Socjetà Esponenti agixxiet kif rikjest mill-qafas regolatorju applikabbli u skont l-oghla livell ta' diligenza mistennija fil-ligi, kif jista'', jekk ikun hemm il-htiega, jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta' dan il-kaz;

5. Illi fil-mertu l-Ilment u t-talbiet tal-atturi huma ghal kollox infondati fil- fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

6. Illi subordinatment u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-Ilment ma huwiex gustifikat inkwantu huwa car ukoll li:

   a. Kwalunkwe telf li garrbu JL u HL huwa primarjament rizultat ta' *Credit Risk*, riskju inerenti ta' investiment f'*bonds* bhal dak li fihom investew l-atturi u liema *bond* kien, fil-hin meta nghata l-parir lill- atturi, jghodd jew *suitable* ghalihom; u

   b. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jidher illi fiz-zewg tranzazz-jonijiet fejn dawn sofrew telf, JL u HL mhux talli kkontribwew b'mod materjali ghat-telfiet li garrbu, izda li dawn talbu li ssir it-tranzazzjoni jew minghajr parir jew sahansitra konta l-parir tas- Socjetà Esponenti, u dan ghaliex kienu huma li talbu (a) li l- investiment taghhom originali jigi mdawwar jew *switched* f'*bonds* ta' durata iqsar minn dawk originarjament rakkomandati u li ghalhekk spiccaw investiti fil-*bonds de quo* ta' RENA GmbH 7% 2015, u (b) f'istanza ohra li jinbieghu il-*bonds* taghhom mal-MAG GmbH 7.5% 2016 qabel ma dawn immaturaw; u

   c. Ghalkemm il-konjugi Attard qeghdin jilmentaw li tilfu xi flus fuq investiment wiehed (cioè, il-*bond* RENA GmbH 7% 2015) ma jsemmux li l-atturi kienu ilhom jinvestu f'*bonds* u investimenti tal-istess tip mill-inqas mis-sena elfejn u tmienja (2008) u, ghaldaqstant, kellhom esperjenza bizzejjed tar-riskji involuti u dan apparti l-ispjegazzjonijiet verbali u bil-miktub (hafna minnhom iffirmati minn JL u HL) tar- riskji ta' investimenti ta' dan it-tip;

7. Illi fl-ahhar nett jinghad illi s-Socjetà Esponenti ma thossx illi hemm rimedju ghall-Ilment kif imressaq mir-rikorrenti peress illi l-Ilment mhuwiex gustifikat;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

**Ra d-dokumenti esebiti**

**Sema' lill-partijiet**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjoni dwar gurisdizzjoni**

L-ewwel eccezzjoni tghid illi l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni li jisma' u jiddeciedi dan il-kaz peress li Artiklu 17 tat-*Terms of Business Agreements* (Dok, CFI 1) jipprovdi li '*any dispute which may arise therefrom shall be subject to the jurisdiction of the Maltese Courts'.*

Imma, barra minn hekk, l-istess *Terms of Business Agreement*, fl-Artiklu 16 jipprovdi mezz iehor, minbarra l-Qorti, fejn l-ilmentaturi setghu jiehdu l-ilment taghhom, cioè, quddiem entità *ADR (Alternative Dispute Resolution*) li qabel kienet il-*Consumers Complaint Unit (CCU)* tal-*MFSA.* Ghalhekk, kien hemm inserit f'dan l-Artiklu li l-klijent seta' jiehu l-ilment tieghu quddiem l-*MFSA*. Dan ifisser li l-Qorti ma kellhiex gurisdizzjoni esklussiva.

Izda mill-2013, meta gie ffirmat dan il-ftehim, ic-cirkustanzi legizlattivi inbidlu billi inholoq l-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji, li huwa wkoll entità *ADR* li ha post il-*CCU* tal-*MFSA*. Tant, li mal-holqien tal-Ufficcju tal-Arbitru, il-*CCU* beda jibghat lill-konsumaturi li kellhom kazi quddiemhom quddiem l-Arbitru u, eventwalment, ma baqax jopera ghaliex xogholu beda jaghmlu l-Ufficcju tal-Arbitru li huwa l-unika entità *ADR* ghas-Servizzi Finanzjarji.

Galadarba kien koncepit fil-klawsola 16 tat-*Terms of Business Agreement* li minbarra l-Qorti l-klijent jista' jmur quddiem entità *ADR* bhall-Arbitru, allura l-Arbitru ghandu l-gurisdizzjoni li jisma' l-kaz.

Il-fatt li l-Arbitru ghandu poteri aktar milli kellha l-entità *ADR* ta' qabilha, ma jibdel xejn min-natura tal-Ufficcju tal-Arbitru li hu wkoll entità *ADR* kif anke rikonoxxut mill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea.

Fil-gurisprudenza taghna gie osservat fil-kawza fl-ismijiet "Edgar Cuschieri – vs - Perit Gustavo R. Vincenti," Appell Civili, 13 ta' Frar 1950, illi "*meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car,* ***jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet*** *preveduta u li hemm bzonn tigi maqtugha, allura l-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni; u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet."*[1]

Wara l-konkluzjoni tat-*Terms of Business Agreement,* il-legizlatur haseb biex jipprovdi dan il-forum specjalizzat biex jiddisponi ahjar minn certi tilwimiet fis-settur finanzjarju.

Ghalkemm il-kompetenza tal-Qrati ma gietx eskluza, u l-Arbitru ghandu kompetenza konkorrenti, l-intenzjoni prezunta tal-ilmentaturi dwar din l-okkorrenza li sehhet wara l-kuntratt ta' bejniethom hi li jaqblu li jipprevalixxu ruhhom minn din l-ghodda procedurali iktar idoneja mill-Qrati ghall-qasam tas-servizzi finanzjarji ipprovduta mil-legizlatur, u kien ghalhekk li gabu l-kaz taghhom quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji.

Barra minn hekk, l-ilmnetaturi huma '*klijenti eligibbli*' u l-provditur tas-servizz huwa '*provditur tas-servizzi finanzjarji*' skont id-definizzjoni tal-KAP. 555 u ghalhekk ghandu l-kompetenza.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni.

[1] Paul Camilleri vs Joseph Glanville – PA- Imhallef Philip Sciberras – 28.04.2003

**Eccezzjoni dwar nullità**

Il-provditur jghid li dan l-ilment huwa null peress li kif redatt ma jaghtix stampa cara ta' x'qed jintalab u ghalhekk ma jistax jaghmel difiza tajba.

Irid jinghad li l-procedura quddiem l-Arbitru hija wahda informali u mhix regolata mill-Kodici tal-Procedura Civili hlief fejn jinghad specifikament fil-KAP.
555 u ghalhekk l-Artikolu 789(1)(c) tal-KAP. 12 ma japplikax ghall-proceduri quddiem l-Arbitru.

Ir-rekwiziti li ilmentatur irid jinkludi fl-ilment huma regolati bl-Artikolu 22(1) tal-KAP. 555 fejn jinghad:

'22**.** *(1) Persuna li tkun qed taghmel l-ilment ghandha tressaq ilment quddiem l-Arbitru bil-miktub fejn tidentifika l-parti li kontriha jkun sar l-ilment, ir-ragunijiet ghall-ilment, u r-rimedju li jkun qed jintalab.'*

U dawn ir-rekwiziti m'humiex tassattivi.

L-ilment *de quo* jissodisfa dan kollu u m'hemm xejn null fih. Mhux minnu li l-provditur tas-servizz ma setax jaghmel difiza tajba, tant li ghamel risposta ta' sitt pagni u nota ta' osservazzjonijiet ta' disa' pagni fejn ghamel difiza estensiva.

Ghar-ragunijiet 'il fuq moghtija l-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni

**Eccezzjoni dwar preskrizzjoni**

Il-provditur tas-servizz jghid li l-azzjoni hija preskritta *'ai termini tal-KAP. 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi kwalsiasi forma ta' interazzjoni extra-kuntrattwali jew kuntrattwali….sehhew f'perjodi illi minn dak il-perjodu sa llum id-dritt ta' azzjoni ddekada'.*

Kif ritenut mill-Qrati taghna min jeccepixxi l-preskrizzjoni jrid jindika l-artikolu tal-ligi li fuqu jkun qed jibbaza dik l-eccezzjoni:

*"Illi f'dan il-kuntest jinghad li huwa principju llum stabbilit li jekk l-eccipjent ma jispecifikax liema preskrizzjoni qed jinvoka l-Qorti ma tistax tikkonsidraha u dan ghaliex altrimenti l-Qorti tkun qed tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizjattiva (A.C. R. Cali vs Perit Galea - 11 ta' Mejju, 1956 - Vol.XL p.1 p.166); Air Malta plc vs Via Holidays and Travel Limited (P.A. (GV) – 29 ta' Jannar 2002) tant li fis-sentenza fl-ismijiet Henry P. Cole vs Salvatore sive Sammy Murgo (P.A. - 10 ta Lulju 2003) gie deciz:-*

*'L-imsemmija l-ewwel eccezzjoni, rigwardanti l-preskrizzjoni, ma tista' qatt tigi akkolta, peress li l-konvenut naqas li jindika l-artikolu tal-ligi li fuqu huwa qed jibbaza din l-istess eccezzjoni tieghu.*

*Illi tal-istess portata hija s-sentenza Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd (P.A. – 3 ta' Ottubru 2003) fis-sens li:- "Kwantu ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni huwa principju assodat fil-gurisprudenza illi l-Qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata f'forma specifika. Ara decizjonijiet a Vol.XXXIII P1 p.481 u Vol. XLI P1 p.178. Effettivament is-socjeta' konvenuta ma specifikat l-ebda artikolu tal-ligi li jghodd ghal kaz, kif hekk irid l-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili;'"*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-provditur tas-servizz jghid li l-azzjoni waqghet '*bil-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 tal-KAP. 16 peress illi r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet beda fl-2013.'*[2]

Kieku dan hu l-kaz, galadarba l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2156 hija ta' hames snin u l-ilmentatur ipprezenta l-ilment quddiem l-Arbitru fl-14 ta' Lulju 2016, allura il-hames snin ghadhom m'ghaddewx.

Il-prezentata tal-ilment quddiem l-Arbitru jinterrompi wkoll il-preskrizzjoni.

L-Arbitru jinnota illi apparti l-fatt li s-sub-artikolu tal-Artikolu 2156 ma giex indikat, il-preskrizzjoni a bazi tal-istess artikolu hija ta' hames snin. Fl-istess nifs, il-provditur tas-servizz donnu jinvoka l-preskrizzjoni akwiljana ta' sentejn. Dan huwa kontradittorju.

[2] A fol 205

Il-provditur tas-servizz bl-ebda mod ma jipprova l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jew b'mod inekwivoku jghid minn meta ghandu jibda jghodd il-perjodu tal-preskrizzjoni u minn meta l-ilmentaturi setghu jaghmlu l-azzjoni.

L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija wahda serja peress li tittanta li twaqqaf l-azzjoni u, ghalhekk, min jeccepiha jrid jippruvaha billi jindika b'mod preciz l-artikolu tal-ligi u jipprova bil-fatti minn meta setghet issir l-azzjoni. L-Arbitru jrid jinterpreta din l-eccezzjoni b'mod ristrettiv u, f'kaz ta'dubbju, l-Arbitru ghandu jichad din l-eccezzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Arbitru qed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

**Fil-Mertu**

Dan il-kaz jittratta dwar ix-xiri tal-prodott *Bond Portfolio* BP191 4.50% EUR *High Yield Bond Portfolio* li kellu jimmatura f'April 2016, inxtara f'Novembru 2014, u kien jikkonsisti fi tliet *bonds*:

- *7% RENA GmbH (30%)*
- *7.5 % Uniwheels Automotive GmbH (30%)*
- *7.5 % MAG IAS GmbH (40%)*

L-ammont investit fil-*BP191* kien ta' €15,000, wara t-trasferiment mill-investiment f'zewgt *bond portfolios* ohra li kien sar ftit qabel.

L-element ewlieni tal-ilmentaturi huwa li meta investew fl-investiment *de quo,* huma ma gewx moghtija parir tajjeb minn Martin Attard, ghaliex ma qalilhomx li dak il-prodott kien fih riskju gholi ghaliex kieku ma kienux jinvestu fih.

Min-naha l-ohra, l-provditur tas-servizz u, specifikament Martin Attard, jghid li hu kien ta l-ispjega mehtiega u wara din l-ispjega l-ilmentaturi ghazlu li jinvestu.

Kull kaz ghandu l-fatti speci tieghu u jrid jigi deciz fuq il-fatti kif sehhew. L-Arbitru ghandu zewg verzjonijiet dijametrikament opposti; l-ilmentatur jghid li huwa ma kienx jaf bir-riskju u l-provditur tas-servizz jghid li spjegalu.

Qabel ma l-Ilmentaturi investew fil-*BP191* f'Novembru 2013, huma kienu ghadhom kif investew €15,000 f'zewgt *bond portfolios* ohra f'Ottubru 2013, fil-*BP187* u l-*BP189,* li kienu joffru 5.5% u 5.75% rispettivament, filwaqt li jimmaturaw fil-2018 u 2019 rispettivament.[3]

Il-*BP191* kellu rata ta' imghax ta' 4.5% u kien jimmatura fl-2016. Hekk kif indikat fl-affidavit tas-Sur Martin Attard, *Financial Advisor* tal-Provditur tas-Servizz,[4] f'Novembru 2013, kien ircieva telefonata minn JL li kien qed jibki u nfurmah li kien gie dijanostikat b'marda terminali u xtaq johrog mill- investimenti fil-*bond portfolios* li kien ghadu kif ghamel u minflok jinvesti f'xi haga li trendi profitt fi zmien qasir.

Il-Provditur tas-Servizz infurmaw lil JL li fic-cirkostanzi kienu lesti li jirrifondu lura s-somma originali minghajr ma' titnaqqas l-ewwel spiza, izda l-klijent insista li jinvesti fi prodott b'terminu qasir u minkejja li gie infurmat li ma kienx ser ikollu l-istess firxa ta' riskju li kellu fiz-zewg *bond portfolios* ta' qabel, l-Ilmentatur xtaq jipprocedi bl-investiment fil-*BP191* li kien disponibbli f'dak iz-zmien.

Fl-affidavit ta' JL, datat 14 ta' Novembru 2016, saret spjega tal- allegazzjoni ta' gideb minn JL fir-rigward l-investiment li kellu qabel mal- *GlobalCapital*, fejn is-JL ikkonferma li hu ma kienx gideb izda vvinta hafna stejjer biex jiehu flusu lura.[5]

Fic-cirkostanzi partikulari ta' dan il-kaz, jidher li l-verzjoni li ta Martin Attard hija aktar kredibbli. L-ilmentatur jichad li kien gideb izda *'li ivvinta l-istejjer'* biex jiehu flusu lura. Meta analizza x-xhieda tal-partijiet, l-Arbitur jara li x-xhieda ta' Martin Attard hija aktar konsistenti u kredibbli.

---

[3] A fol. 84

[4] A fol. 81

[5] A fol. 72

L-ilmentatur stess xehed li Martin Attard kien jaghmel xogholu tajjeb u kien jafda fih.[6]

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li fil-fehma tieghu huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**

Meta analizza l-verzjonijiet tal-partijiet u ra d-dokumenti kollha esebiti, l- Arbitru hu tal-konvinzjoni li m'hemmx bazi bizzejjed fuq xhiex it-talba tal- Ilmentaturi tista' tintlaqa'. Ma jidhirx li hemm aspetti konvincenti bizzejjed li hemm xi nuqqasijiet materjali min-naha tal-Provditur tas-Servizz li jiggustifikaw il-hlas tat-telf imgarrab fuq wiehed mill-investimenti tal-Ilmentaturi li saru mal- Provditur tas-Servizz meta wiehed wkoll jikkonsidra dan li gej:

L-Ilmentaturi kienu ilhom fuq medda ta' sitt snin sa mill-2008 jinvestu fi prodotti simili mal-Provditur b'*ratings* simili tar-*RENA bond* jew b'*rating* izjed baxx u allura izjed riskjuz. Filwaqt li r-*RENA bond* kellu r*ating* ta' BB-, il-*bond portfolios* li kellhom l-Ilmentaturi qabel ma sar l-investiment fir-*RENA* kienu jikkostitwixxu diversi *bonds* b'hafna minnhom b'*rating* baxx ivarja minn B-, B, BB- jew BB+;

Li l-klassifikazzjoni tal-profil tar-riskju tal-Ilmentaturi kienet immarkata bhala medja/gholja milli wahda baxxa u bla riskju, li tirrifletti r-riskju medju/gholi assocjat mal-prodott in kwistjoni, fejn dawn il-klassifikazzjoni tal-profil ta' riskju tal-klijenti u l-prodott gew ikkonfermati f'zewg dokumenti, l-*Confidential Client Fact Find* datat 28 ta' Ottubru 2013, u l-*Client Review Form* datat 15 ta' Novembru 2013, iffirmati mill-klijenti stess.

Barra minn hekk, l-ilmentaturi kienu digà investew tal-anqas fi prodott iehor li kien kumpless mal-*GlobalCapital Financial Management Ltd.* kif dikjarat mill-ilmentatur stess fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2016.[7]

Ghalhekk, specjalment l-ilmentatur (li kien jiehu hsieb hu anke ghan-nom ta' martu) ma jistax jitqies li kien sajjem ghal kollox mid-dinja tal-investimenti; u wara li kien gie avzat li l-provditur tas-servizz kien lest li jibghatlu s-somma

[6] A fol. 70
[7] A fol. 71

originali li kien investa minghajr ma titnaqqas l-ebda spiza,[8] flok accetta li jiehu flusu lura, huwa ghazel li jinvesti.

Ghal dawn il-motivi, l-Arbitru qed jiddeciedi dan il-kaz billi qed jichad l-ilment.

Peress li l-Arbitru cahad l-eccezzjonijiet preliminari tal-provditur tas-servizz, jiddeciedi li kull parti ghandha ggorr l-ispejjez taghha.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji

[8] Ara affidavit ta' Martin Attard a fol 81